# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu 2001.**

**Numru 17**

**Citaz. numru 6/94 JF**

**Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' B & B Costruction Limited**

**vs**

**Emmanuel Zammit**

**Il-Qorti;**

**<u>IL-LIBELL</u>**

Dan hu l-libell li bih is-socjeta' libellanti pprocediet kontra l-libellat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex dik il-Qorti tisma' mill-gdid kawza minnha deciza b'sentenza fl-14 ta' Ottubru 1993 fl-ismijiet inversi u dana wara li tirrevoka u thassar dak il-gudikat.

"Angelo Baldacchino nomine wara li espona :-

1. Illi b'citazzjoni numru 484/93/GMA prezentata quddiem din il-Qorti fl-20 ta' April 1993, fil-kawza fl-ismijiet inversi, Emmanuel Zammit, wara li ppremetta li nkariga lis-socjeta' konvenuta bhala kuntrattur biex jaghmillu xoghol ta' kostruzzjoni u cioe' gebel u konkos, f'Guest House, Pioneer Road, Bugibba, skond ftehim esebit, u wara li ppremetta illi skond l-istess ftehim il-kuntrattur kien intrabat li jlesti x-xoghol mit-13 ta' Ottubru 1988 sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar 1989 u li fin-nuqqas ihallas penali ta' hamsin lira kuljum ghal kull gurnata izjed li jdum, u wara li ppremetta wkoll illi mic-certifikat tal-Perit Joseph Cassar il-konvenut lesta biss ix-xoghol fl-10 ta' Dicembru 1992, u ghalhekk wehel il-penali kif stipulat fl-istess kuntratt u li ghalkemm interpellah biex ihallas l-istess penali baqa' inadempjenti, talab lil din il-Qorti (1) tillikwida l-penali minnu dovuta skond il-ftehim minhabba d-dewmien taz-zmien fit-tlestija tal-kostruzzjoni ; u (2) tikkundanna lill-konvenut ihallas il-penali hekk likwidata – bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali fuq l-istess penali sad-data tal-pagament effettiv ;

2. Illi din il-kawza giet deciza fl-14 ta' Ottubru 1993 bl-akkoljiment tat-talba attrici fil-kontumacja ta' l-esponenti nomine w ikkundannatu jhallas lill-attur is-somma ta' Lm68,250 bl-ispejjez kontra l-istess esponenti nomine ;

3. Illi din is-sentenza giet ottenuta b'qerq mill-attur billi :-

(a) hu kien jaf illi fil-kors tax-xogholijiet saru varjazzjonijiet fil-pjanta originali li b'necessita' kienu jirrikjedu estensjoni ta' zmien minn dak pattwit ghat-tkomplija tax-xogholijiet u dan naqas li jirrilevah lill-Qorti fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta' Ottubru 1993 quddiem dik il-Qorti ;

(b) kien jaf ukoll illi ma kienx munit b'permess minn ghand l-Awtorita' kompetenti ghall-bini tal-guest house, liema permess inhareg biss f'Novembru 1992. Inoltre, kien jaf ukoll illi sal-lum dan l-istess permess ghadu ma jkoprix l-iskrittura kollha ;

(c) kien jaf ukoll bil-fatt tal-kawza fl-ismijiet "Angelo Bartolo nomine vs Emmanuel Zammit" (Citazzjoni Numru 409/93/GMA) intavoltata qabel dik tieghu u li fiha x-xhud il-Perit Joseph Cassar kien ga' rrileva s-suesposti fatti fid-deposizzjoni tieghu tat-28 ta' Gunju 1993, f'dik il-kawza ;

4. Illi huwa veru li l-istanti ma deherx fil-kawza u lanqas ma intavola eccezzjonijiet stante l-kontumacja tieghu izda dan ma kienx ifisser konfessjoni da parte ta' l-esponenti izda se mai kontumelja u dispett ghall-awtorita' tal-Qorti. Kien ghalhekk

jinkombi b'dover lill-attur fil-kawza illi jirrileva l-fatti kollha u mhux jahbi l-fatti ;

5. Hekk ukoll ic-citazzjoni ma gietx regolarment notifikata lill-libellanti nomine billi din ma gietx notifikata lill-persuna (s-socjeta') li lilha messha giet notifikata ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Il-firmatarju fuq il-pink card huwa iben l-istess libellanti, persuna ta' cirka 15-il sena, li lanqas hu persuna fis-servizz tas-socjeta' jew persuna awtorizzata mill-istess socjeta'. L-esponenti nomine lest jikkonferma bil-gurament illi din ic-citazzjoni qatt ma waslet ghandu. Kif jinsab ritenut l-iskop tan-notifika hu dak li ggib lill-persuna li ghandha tigi notifikata a konjizzjoni ta' l-att intiz ghaliha;

6. Inoltre r-riferta ta' l-Ufficjal inkarigat minn notifika ma tispjegax inekwivokabilment lil min saret in-notifika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 12, anke ghaliex l-istess riferta ma tispecifikax il-firmatarju fuq il-pink card AB 2153 ;

7. In effetti l-esponenti nomine sar jaf bid-decizjoni profferita fil-konfront tieghu minn notifika lill-Avukat tieghu tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri fil-kawza per citazzjoni numru 409/93/GMA prezentata fid-19 ta' Jannar 1994 ;

8. L-effetti legali ta' dawn il-fatti huma li skond il-ligi s-sentenza hawn impunjata hi soggetta ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap 12 billi :-

(a) fis-subartikolu (a) fil-kaz fejn sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara ta' l-ohra ;

(b) fis-subartikolu (b) fejn insibu illi d-dritt tar-ritrattazzjoni hu rizervat meta c-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa, basta din il-parti ghad li ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret ghas-smiegh tal-kawza ;

9. Ghaldaqstant il-libellant nomine filwaqt li jgib l-annessa malleverija skond il-ligi ghall-ispejjez ta' din il-procedura, u filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi prodotti u jirrizerva d-dritt li jipproduci l-provi tieghu kollha necessarji, TALAB li di il-Qorti joghgobha, prevja r-revoka jew thassir tas-sentenza moghtija fl-14 ta''Ottubru 1993 fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited" (Citazzjoni Numru 484/93/GMA) a tenur ta' l-Artikolu 811 subincizi (a) u (b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra necessarji sabiex din il-kawza tigi mismugha

u deciza, u fil-meritu tichad it-talbiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni surreferita di fronte ghall-istanti – bl-ispejjez kontra l-attur, biex b'hekk tigi amministrata l-gustizzja skond il-ligi."

**IR-RISPOSTA**

Il-libellat Emmanuel Zammit hekk irrisponda :-

"1. In linea preliminari, in-nullita' tal-libell billi l-okkju mhux tac-citazzjoni f'liema giet ottenuta s-sentenza in kwistjoni ;

2. In linea preliminari, wkoll id-dekadenza tal-Libellant stante li iddekorra t-terminu f'liema setghat issir ir-ritrattazzjoni ;

3. Fil-mertu illi ma kien hemm l-ebda frodi perpetrata mill-attur fl-otteniment tas-sentenza in kwistjoni w n-notifika tac-citazzjoni kienet wahda regolari u ma kien fiha l-ebda difetti ;

4. Illi inoltre s-sentenza kienet wahda gusta u timmerita konferma."

**DECIDE**

B'sentenza tal-21 ta' Gunju 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-libell billi cahdet it-talba tal-libellant nomine ghall-fini ta' ritrattazzjoni tal-kawza tal-ismijiet "Emmanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited" (Citaz. Nru. 484/93 GMA), gja' deciza fl-14 ta' Ottubru 1993, bl-ispejjez gjudizzjarji kontra tieghu.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Wara li kkunsidrat illi din in ezami hija procedura istitwita tramite libell da parti tas-socjeta' konvenuta B & B Construction Limited kontra Emmanuel Zammit fejn qeghda titlob minn din il-Qorti ordni ghall-fini ta' ritrattazzjoni ta' kawza gja' deciza bejn l-istess kontendenti odjerni, naturalment fl-ismijiet inversi, u liema kawza kienet giet deciza in data ta' l-14 ta' Ottubru 1993 – ara Citazzjoni Numru 484/93/GMA – mill-allura Qorti tal-Kummerc. Is-socjeta' libellanti qeghda tibbaza l-istanza taghha a tenur ta' l-Artikoli 811, sub-incizi (a) u (b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi mill-atti u mill-provi akkwiziti minn din il-Qorti jirrizultaw is-segwenti fatti :-

1. Il-libellat Emmanuel Zammit kien harrek lis-socjeta' libellanti in konnessjoni ma' appalt konsistenti f'xoghol ta' bini f'Guest House, Pioneer Road, Bugibba, minhabba allegata inadempjenza u hemm talab likwidazzjoni u hlas ta' penali minn ghandha, liema kawza giet istitwita fl-20 ta' April 1993 quddiem il-Qorti tal-Kummerc – Citazzjoni Numru 484/93/GMA ;

2. Din il-kawza surreferita giet deciza fl-14 ta' Ottubru 1993 billi l-Qorti tal-Kummerc laqghet it-talbiet attrici <u>fil-kontumacja</u> tas-socjeta' konvenuta b'dan li l-libellant nomine, konvenut nomine f'dik il-kawza, gie kkundannat ihallas in linea ta' penali l-ammont ta' Lm68,250 ;

3. Illi aktar qabel ma' l-libellat Zammit kien ipprezenta din ic-citazzjoni msemmija fiz-zewg paragrafi precedenti, l-istess socjeta' libellanti, kif rapprezentata, kienet ja' istitwiet kawza ohra minn naha taghha kontra Emmanuel Zammit in konnessjoni ma' l-istess vertenza ;

4. Illi bhala fatt il-libellant nomine <u>ma jichadx li kien baqa' kontumaci</u> fil-kawza istitwita kontra tieghu minn Zammit u lanqas jichad li huwa <u>ma deherx</u> fl-imsemmija procedura izda jissottometti *inter alia* kwantu segwa, illi :

(i) li l-istat ta' kontumacja tieghu ma kienx ifisser konfessjoni minn naha tieghu izda se mai kontumelja u dispett ghall-awtorita' tal-Qorti ;

(ii) li c-citazzjoni ma gietx regolarment notifikata lill-libellanti nomine billi ma gietx notifikata lill-persuna li lilha messha giet notifikata ai termini ta' l-Artikolu 187 tal-Kap 12 ;

(iii) li r-riferta ma tispjegax inekwivokabilment lil min saret in-notifika, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 12, anke ghaliex l-istess riferta ma tispecifikax il-firmatarju fuq il-pink card relattiva ;

(iv) il-libellant Zammit heba fatti materjali lill-Ewwel Qorti u dan kien jammonta ghal qerq u konsegwentement ifisser li s-sentenza *de quo* ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet in kawza bil-hsara ta' l-ohra, kif hemm espressament ikkontemplat fl-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jkun utli u ta' praticita' li fl-ewwel lok jigi mistharreg u ezaminat l-aggravju koncernati l-allegata vjolazzjoni ta' l-Artikolu 811 sub-inciz (b) tal-Kap 12 fejn jinghata d-dritt tar-ritrattazzjoni meta l-att tac-citazzjoni ma jkunx gie nnotifikat lill-parti sokkombenti, basta li din il-parti ghad li ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret ghas-smiegh tal-kawza. Gja' inghad li kwantu ghall-ahhar parti ta' dan l-Artikolu, l-konvenut nomine – libellant odjern – ma kienx deher ghas-smiegh tal-kawza, kwindi, l-lanjanza tieghu tirreferi ghall-allegazzjoni ta' nuqqas ta' notifika. Illi ghalkemm fost il-lanjanzi tieghu, l-libellant nomine jelenka wkoll dak ta' notifika mhux sufficjentement specifika, in effett il-provi juru li kien hemm notifika billi thalliet kopja ta' l-att tac-citazzjoni ma' iben il-libellant nomine, Etienne Bartolo – ara xhieda tieghu a fol. 36 u 37 tal-process, liema deposizzjoni ma thalli assolutament l-ebda dubju li bhala fatt notifika tramite dan Etienne Bartolo – indipendentement ghalissa jekk din in-notifika kienitx wahda legalment wahda valida jew le -sehhet tabilhaqq. Jirrizulta wkoll inkontestat il-fatt li din in-notifika thalliet ma' iben il-libellant nomine fl-indirizz postali tas-socjeta' ossia fl-ufficju registrat tas-socjeta' libellanti. Xehed, bla ma giet kontradett, il-libellant nomine *inter alia* kif gej (ara deposizzjoni a fol. 7-19 tal-process):-

> *"Fil-fatt kien irrizulta, pero' dan apparti mill-mertu tal-libell, illi kienet intbaghtet citazzjoni, kien iffirma ghalija t-tifel tieghi, pero' jiena qatt ma kont edott b'dan il-fatt."*

XXX

> *"Qabel ma rcevejt l-ittra ta' l-Avukat tieghi jiena qatt ma kont smajt li kien hemm kawza kontrija."*

F'dan il-kuntest pero' jkun xieraq li jigi menzjonat li l-libellat issottometta fin-nota tieghu li bil-mod kif xehed Etienne Bonello, pjuttost jidher li in verita' aktarx li l-libellant nomine kien edott, u mhux ma kienx, bic-citazzjoni tal-libellat Zammit. Illi apparti dak li tghid naha jew ohra, din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tosseva w issegwi direttament il-mod u l-komportament ta' kull persuna li xehdet quddiemha. Hekk innutat li meta x-xhud Etienne Bonello xehed l-ewwel darba quddiemha fis-seduta tat-23 ta' Mejju 1995 (ara fol 36 et seq) u gie mistoqsi kemm kellu eta' wiegeb hekk :-

> *"Illum jiena ghandu 17-il sena maghluqa. Meta rcivejt dina l-karta u ffirmajt ghaliha jiena kien ghad ghandi biss xi 13-il sena."*

Imharrek mil-libellat in kontro-ezami biex jidher ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 1995, ix-xhud, debitament notifikat bl-ingunzjoni, ma deherx u wehel piena ghal disprezz. Meta deher in segwitu fl-20 ta' Novembru 1995 <u>u gie allura rinfaccjat b'certifikat ta' l-att tat-twelid tieghu</u>, hu wiegeb ghad-domanda li saritlu fis-sens li mill-att kien jirrizulta li dakinhar tan-notifika huwa kellu fil-fatt hmistax u mhux tlettax-il sena, "……. *u jiena nirrispondi li ma kellhiex sittax-il sena." "L-ahhar darba meta semmejt l-eta' ta' tlettax-il sena, kont qed inkellem (<u>recte nitkellem)</u> b'mod approssimattiv."*

Huwa minnu wkoll, kif semma' l-libellant nomine fin-nota tieghu, li l-eta' tax-xhud tissemma' fil-kopr tal-libell u tinsab imnizzla – ghal xi raguni inspjegabbli tidher imbaghbas wkoll minn xi hadd ghax tidher dattilografata c-cifra 17 u korretta bil-linka ghal 15 (1) – bhala li hija t'a 15-il sena, pero' dan kollu ma jaffettwax il-mod dubjuz kif iddepona Etienne Bonello fuq dan il-punt. Illi fi kwalsiasi kaz, u dejjem riferibbilment ghall-kwistjoni dwar il-validita' o meno tan-notifika, hemm lanjanza ohra ewlenija mqanqla mil-libellant nomine bhala wahda jew wiehed mir-rekwiziti li gie maqbuz fl-ezekuzzjoni ghar-raguni cioe' – ara para. 6 (b) tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-libellant nomine (fol 150 tal-process) – dik li :-

> *"b'danakollu (c-citazzjoni) ma thallietx ma' persuna fis-servizz tas-socjeta'. Etienne Bonello, iben l-esponenti Angelo Bartolo, ma huwiex la ufficjal tas-socjeta' u lanqas impjegat taghha jew awtorizzat minnha biex tircievi l-posta taghha."*

Jibda biex jinghad, kif gustament issottomettiet il-kontro-parti libellata, li kwantu l-libellat nomine, permezz ta' l-abili difensur legali tieghu, qieghed isejjes l-argomenti tieghu fuq l-Artikolu 187 (4) tal-Kap 12 li dan is-subinciz gie mizjud fost l-emendi li gew fis-sehh bl-Att XXIV tal-1995 u li din il-vertenza qieghdha invece

tirreferi ghal kawza maqtugha f'Ottubru 1993. Ghalhekk mela ghandu ragunil-libellat isostni li,

> *"L-esponent (l-attur f'dik il-kawza, libellat odjern) ma setax jinnotifika a bazi tal-Artikolu 187 (4) kif emendat ghaliex dakinhar dak l-Artikolu ma kienx jifforma parti mil-ligi tal-pajjiz."*

Skond il-ligi tal-procedura bvigenti fl-1993, u fil-mument li gietipprezentata l-kawza *de quo*, notifika valida setghet issir bil-kunsinna ta' kopja ta' din l-iskrittura (fil-kaz taghna c-citazzjoni) lill-persuna li fiha ghandha tkun innotifikata, jew billi din il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnu biex tircievi l-posta taghha fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha. M'hemm ebda dubju li f'dan il-kaz hekk sehhet in-notifika. Imbaghad hemm proviso iehor in forza ta' liema kopja ma tistax tithalla f'idejn persuni ta' eta' anqas minn erbatax-il sena jew f'idejn nies morda bil-mard tal-mohh. Jirrizulta li fil-mument tan-notifika, bin il-libellant nomine kellu 15-il sena. In propozitu ta' l-eta' ta' dan l-individwu, din il-Qorti ma tasalx biex temmen li meta Etienne Bonello ddepona l-ewwel darba, u semma' li dak iz-zmien kellu biss 13-il sena, li dan ghamlu "*per pura coincidenza*" u minghajr fini ta' xejn kif invece ried jaghti wiehed x'jifhem. Huwa very li in segwitu l-legislatur hass il-bzonn li jirriforma din il-parti tal-ligi tal-procedura imma dan sehh sentejn wara l-akkadut u certament ghalhekk mhuwiex lecitu li jigi applikat minn din il-Qorti retroattivament. Ifisser mela li, bil-maqlub ta' dak li ssottometta l-libellant nomine, c-citazzjoni kienet giet notifikata lilu validament u l-aggravju tieghu f'dan ir-rigward huwa nfondat. Mhumiex fonati lanqas is-sottomissjonijiet l-ohra fis-sens li kien hemm xi dubbju jew irregolarita' ohra fil-mod ta' ezekuzzjoni tan-notifika – l-provi juru bil-kontra, jigifieri li kollox sar korrettament u skond il-ligi applikabbli dakinhar.

Dwar it-tieni raguni imbaghad li jressaq il-libellant nomine bbazata fuq l-Artikolu 811 (a) tal-Kap 12, din il-Qorti tibda biex tosserva li *una volta* jemergi li n-notifika saret validament u l-konvenut, libellant nomine odjern, baqa' kontumaci, allura lanqas ma huwa l-kaz li din il-Qorti terga' tidhol f'ezami tal-provi mressqa fil-kawza l-ohra. Il-konvenut dakinhar mhux biss baqa' kontumaci imma lanqas ma pprevalixxa ruhu mid-dritt ta' appell. Kwindi ma jistax issa jinqeda bil-procedura prezenti biex dak li naqas li jaghmel qabel tort tieghu issa jintenta jaghmlu bil-mezz tar-ritrattazzjoni. Jekk dana jigri jkun qieghed jigi stultifikat ghal kollox l-*iter* gudizzjarju a skapitu ta' l-istabbilita' tal-gudikat, li, kif

kellha okkazzjoni tirritjeni din il-Qorti ta' l-Appell in precedenza (ara Koll. Vol. XXV – 1 – 141) :

> *'dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita' del giudicato che solo puo' mettere fine alla lite, poiche' l'autorita' delle cose giudicata importa grandemente alla sicurezza civile."*

Ir-ritrattazzjoni tibqa' mezz straordinarju u ta' applikazzjoni tassattivament ristretta ghal dawk il-kazi biss kontemplati espressament fil-ligi. Din il-Qorti gja' kienet indulgenti mal-libellant nomine meta kkonsentiet li thalli s-smiegh ta' certa xhieda li strettament kienet tolqot u tinkwadra ruhha fl-ambitu tal-kawza l-ohra. Dan hallietu jsir ghar-raguni li riedet tkun f'qaghda tajba li tara kemm tista' tkun fondata din il-lanjanza bazata fuq l-Artikolu 811(a) tal-Kap 12. Minn dak li semghet u minn dak li rrizulta qabel fil-kawza l-ohra, din il-Qorti ma gietx sodisfatta li ngiebet prova mil-libellat nomine li gie pprattikat xi qerq minn naha tal-libellat. Li kieku l-libellat mexa ma' dak li tesigi u tkkontempla l-ligi tal-procedura, huwa kien ukoll in grad li jtella' provi tieghu biex jirribatti dawk migjuba mill-kontro-parti. Din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li taqra u tapprezza n-nota elaborata u erudita li giet sottomessa mil-libellant nomine tramite l-legali tieghu (bla ma jitnaqqas xejn minn nota xejn anqas studjata tal-libellat) pero' meta l-fatti w id-dritt juru mod iehor, il-Qorti hija doverosament obbligata li timxi mal-ligi imqarr jekk il-konsegwenzi ghan-naha sokkombenti, f'dan il-kaz il-libellant nomine, ikunu iebsin. Kif *del resto* kellu okkazzjoni jikteb il-legali tal-libellant nomine lill-klijent tieghu fl-24 ta' Jannar 1994 (ara ittra a fol. 29) wara li dan skopra li kienet giet ottenuta s-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni :

> *"Evidentement int (i.e. il-libellant nomine) ittraskurajt din ic-citazzjoni w inqast li ggibha lili ha nirrispondu ghaliha, b'dannu serju ghalik. Ta' din it-traskuragni ser tbati l-konsegwenzi billi issa Zammit gja' ghandu sentenza kontra tieghek.*
>
> *Nistiednek tigi urgentement l-ufficju ha nkellmek."*

Rinfaccjat b'tali notizja u monitu, lanqas jidher li l-libellant safa' pperturbat hafna ghaliex jirrizulta li l-istess konsulent legali tieghu rega' kitiblu ghaxart ijiem wara, in data tal-4 ta' Frar 1994 (ittra, a fol 30 tal-process) fejn stiednu jmur l-ufficju biex inkellmu in konnessjoni mas-sentenza li Zammit ottjena favurieh "*minhabba l-kontumacja tieghek."* Imma dan apparti, l-allegat qerq ma jirrizultax."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Gie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2000, li l-kawza kellha tithalla ghas-sentenza fuq l-aggravju dwar ir-ritrattazzjoni abbazi ta' nuqqas ta' notifika u cioe' abbazi tas-sub-inciz (b) tal-artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi illi f'kawza deciza f'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza "b. jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza." L-artikolu 811 hu inbaghad estiz fl-interezza tieghu ghall-kawzi decizi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad u li ghaddiet gjudikat – kif hu l-kaz taht ezami – "basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti li minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell."

Hekk qed jippretendi li gara l-appellant ritrattand u dwar hekk ingiebu l-provi tant illi hu hekk ipproceda bit-talba tieghu ghal smiegh mill-gdid tal-kawza b'libell quddiem il-Prim'Awla li kienet tat is-sentenza minnu mpunjata. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq dan il-motiv ghat-talba ta' ritrattazzjoni hi koncentrata fuq jekk l-att tac-citazzjoni kienx gie jew le notifikat lill-parti telliefa. Dan ghaliex hu certament stabbilit mill-provi illi, jekk jigi koncess illi l-parti telliefa u cioe' l-konvenut ritrattand ma kienx gie notifikat bl-att tac-citazzjoni, dan certament ma kienx deher

quddiem il-Qorti fis-smiegh tal-kawza eventwalment deciza bis-sentenza mpunjata.

Ir-retroxena ta' fatt, kif korrettement traccjata mill-libellant appellant fir-rikors tal-appell, hi s-segwenti :-

(a) L-attur nomine, l-libellant, kien gie kommissjonat mill-konvenut libellat jezegwixxi xogholijiet fuq proprjeta' tieghu. Ghal dan l-appalt hu kien ghad baqaghlu jircievi ghax-xoghol minnu ezegwit tmintax-il elf lira minghand il-konvenut.

(b) Il-libellant istitwixxa kawza kontra l-konvenut permezz ta' citazzjoni numru 409/93 GMA/GV, ghall-hlas tas-somma bilancjati dovuta. Dik il-kawza giet deciza fit-30 ta' Novembru 1998. Il-konvenut appella minn dik is-sentenza.

(c) B'citazzjoni numru 484/93 GMA, il-konvenut libellat f'din il-kawza da parti tieghu istitwixxa proceduri ghall-hlas tal-penali stabbiliti fl-appalt. Din il-kawza giet deciza fl-14 ta' Ottubru 1996, bl-akkoljiment tat-talba fil-kontumacja tal-istess libellant nomine allura l-konvenut f'din it-tieni kawza. Is-socjeta' appellanti giet kundannata thallas is-somma ta' Lm 68,250 likwidata bhala penali.

(d) In segwitu fid-19 ta' Jannar 1994, il-konvenut fil-kawza fit-citazzjoni Numru 409/93 GMA/GV, intavola f'dik il-kawza nota tal-

eccezzjonijiet ulterjuri fejn sostna li l-kompensazzjoni minnu eccepita f'dik il-kawza kienet bhala fatt ghaddiet in gudikat a tenur tas-sentenza fil-kawza l-ohra bic-citazzjoni numru 484/93 GMA. Id-data tad-19 ta' Jannar 1994, hi importanti ghaliex kien f'dik l-okkazjoni meta l-libellat f'din il-kawza kien eccepixxa ulterjorment kif inghad illi l-konsulent legali tal-libellant nomine gie akkonoxxenza tal-fatt li l-kawza f'din l-istanza impunjata kienet giet deciza mill-Prim'Awla u kien proprju f'dak il-jum illi kiteb lill-klijent tieghu cioe' lill-libellant nomine, b'dan il-fatt hu attirat l-attenzjoni ghall-pregudizzju li kien sejjer isofri minhabba n-nuqqas ta' kontestazzjoni tieghu f'dik il-kawza fejn kien baqa' kontumaci u fejn il-Qorti kienet illikwidat il-penali. Il-libellat nomine da parti tieghu jsostni wkoll illi kien bhala konsegwenza ta' din l-ittra mibghuta mill-konsulent legali tieghu li kien gie a konoxxenza tal-ezistenza tal-proceduri decizi bis-sentenza f'din l-istanza impunjati.

Il-libell ghar-ritrattazzjoni gie prezentat fil-11 ta' Marzu 1994 u jekk jittiehed bhala fatt illi kien minnu illi l-libellant nomine, konvenut fil-kawza bic-citazzjoni numru 484/93 GMA, kien sar jaf l-ewwel darba b'dawk il-proceduri bl-ittra tal-konsulent tieghu fuq il-ferita, dan iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni illi l-procedura tar-ritrattazzjoni kienet rittwali fir-rigward tar-rispett tat-terminu statutorju li kellu jigi osservat u cioe' illi l-procedura tar-ritrattazzjoni kienet inbdiet entro t-terminu ta' tlett xhur minn mindu l-parti telliefa issir taf bil-gudikat (sub-inciz 1 (a) u (b) tal-artikolu 118 tal-Kap 12).

Nonostante li l-libellat f'dawn il-proceduri eccepixxa formalment id-dekadenza tal-libellant stante li kien iddekorra t-terminu f'liema setghet issir ir-ritrattazzjoni u nonostante li hu rribadixxa din l-eccezzjoni fir-risposta tieghu ghar-rikors tal-appell, jidher li ma kienx ghadu jinsisti fuqha almenu f'dan l-istadju. Din il-Qorti kellha tinvesti qabel xejn il-kwistjoni tar-regolarita' tan-notifika tal-att tac-citazzjoni lill-konvenut nomine libellant, promotur tal-istanza deciza fil-kontumacja tieghu. Dan ukoll ghar-raguni ovvja illi jekk jigi milqugh dan il-motiv ghar-ritrattazzjoni u stabbilit kif inghad illi l-libellant nomine zgur ma deherx fis-smiegh ta' dik il-kawza, ma jibqax lok ghall-konsiderazzjoni tal-aggravji u eccezzjonijiet ohra.

Il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju kien allura limitat biex jistabbilixxi:-

(a) jekk saritx notifika tal-att tac-citazzjoni lill-parti telliefa.

(b) jekk tali notifika saret, setghetx titqies li kienet wahda legittima u valida skond il-ligi. Naturalment skond il-ligi vigenti fil-mument meta l-Qorti Civili Prim'Awla ordnat li ssir in-notifika tal-att tac-citazzjoni u fiz-zmien meta dawk il-proceduri gew minnha decizi. Dan qed jinghad ghax gie stabbilit u hu pacifiku bejn il-kontendenti illi l-ligi procedurali fir-rigward tan-notifika tal-atti giet emendata bl-att XXIB tal-1995 liema

emendi pero' ma japplikawx ghal kaz taht ezami billi dan avvera ruhu qabel ma gew fis-sehh dawk l-emendi. Kienet applikabbli allura illi jigi kif kienet vigenti u applikabbli qabel il-promulgazzjoni ta' dak l-att.

(c) Is-sub-iniz 1 tal-artikolu 187 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili qabel gie emendat bl-att XXIV tal-1995, kien hekk jipprovdi :- "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha. Izda, l-kopja ma tistax tithalla f'idejn persuni ta' eta' anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, minhabba mard tal-mohh, ma tistax taghti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaci li taghti dik ix-xiehda, sakemm ma tigix ipprovata l-kuntrarju u n-notifika ma tistax tigi attakkata bhala irregolari, ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet, jekk jinstab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tigi nnotifikata." (sottolinejar ta' din il-Qorti).

M'hemmx kwistjoni illi l-konvenut fil-kawza, li s-sentenza fiha qed tigi mpunjata, kienet is-socjeta' B&B Construction Limited li ghan-nom u in rapprezentanza taghha gie citat Angelo Bartolo. Din il-Qorti kellha allura qabel xejn tinterpreta x'ifissru ezattament il-kliem "kunsinna ta'

kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata."  Dan ghaliex biex tkun valida u ritwali n-notifika tal-att tac-citazzjoni din kellha ssir bil-kunsinna tal-kopja tal-att lill-persuna li lilha l-iskrittura kellha tkun notifikata skond il-ligi.  Il-Qorti kellha tiddentifika allura min kienet din il-"persuna".

Relevanti s-segwenti artikoli tal-Kap 12 :-

Artikolu 134 "Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb li kopja tal-libell tigi innotifikata lill-konvenut."

Artikolu 157 "Tkun ir-responsabbilita' ta' l-attur li jiehu hsieb li, permezz tar-registratur, kopja tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni tigi notifikata lill-konvenut."

Is-sub-inciz 2 tal-artikolu 182 "Dana kollu li jinghad fis-sub-artikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-avviz ghas-smiegh tal-kawza ghandu jigi nnotifikat lill-parti nfisha."

Hu car minn dawn l-artikolu illi l-ligi riedet allura li tassigura illi l-kopja tal-att li bih jigu inizzjati proceduri fil-kontenzjuz quddiem il-Qrati kellha tigi notifikata lill-persuna konvenuta.  Hu pacifiku li l-persuna tista' tkun wahda fizika jew morali.  Kif sewwa rilevat mill-appellant nomine l-artikolu 4(d) tal-att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitlu 249) "l-espressjoni

persuna" tinkludi "ghaqda jew korp iehor ta' persuni sew jekk dik l-ghaqda jew il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le". Il-persuna konvenuta fil-kaz taht l-ezami kienet allura wahda gjudika/morali u Angelo Bartolo, d-Direttur taghha, gie citat f'dik l-istanza mhux personalment imma biss in kwantu kellu rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. F'certu sens wiesa' seta' jinghad illi hu kien il-"prokuratur" ta' dik is-socjeta' in kwantu kien awtorizzat biex jagixxi f'isimha u jirraprezentaha gudizzjarjament.

Is-sub-inciz 1 tal-artikolu 187 tal-Kap 12 kif kien fiz-zmien rilevanti gie hekk interpretat minn din il-Qorti "Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi hija ta' natura generali u hija intiza biex tkopri l-kaz ta' notifika sia lill-persuna fizika, sia lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota mariginali li hemm mal-imsemmija dispozizzjoni li tghid ukoll b'mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qeghda tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun innotifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta' notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista' tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma' persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma' persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna nnotifikanda. Il-kaz prezenti kif jidher minn fol 2 tergo c-

citazzjoni thalliet fil-post tal-business tas-socjeta' konvenuta, mad-Direttur taghha Salvino Sullivan li certament, qua Direttur, huwa persuna fis-servizz tas-socjeta' konvenuta u persuna awtorizzata li tircievi l-posta taghha. Ghalhekk in-notifika saret skond il-ligi ……." (Alfred Cachia nomine vs Salvino Sullivan et nomine deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' April 1987).

Stabbilit illi l-persuna notifikanda bl-att tac-citazzjoni kienet is-socjeta' konvenuta, wiehed kellu jezamina kif setghet issir tali notifika, fl-alternattivi proposti fl-istess sub-inciz 1 tal-artikolu 187 fuq citat. Certament il-kopja tal-iskrittura ma setghetx tithalla f'idejn membru tas-socjeta' konvenuta in kwantu difficilment wiehed jipprospetta l-possibbilita' li din ikollha familja. L-istess jinghad ghall-possibbilita' li n-notifika ssir f'idejn membru "tad-dar" tal-istess socjeta' konvenuta. Mill-banda l-ohra pero' notifika setghet issir "f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna (socjeta') jew f'idejn il-prokuratur taghha jew anke f'idejn persuna awtorizzata <u>minnha</u> biex tircievi l-posta taghha. F'dan il-kaz ukoll l-awtorizazzjoni lill-persuna biex tircievi l-posta kellha tirrizulta li nghatat mis-socjeta' konvenuta ghaliex il-kelma "minnha" tirreferi ghall-persuna li kellha tigi notifikata bl-iskrittura u mhux ghall-haddiehor. Kellu jkun salv ukoll il-principju "delegatus non potest delegare". Hu pacifiku li notifika saret korrettement fil-lok fejn tahdem is-socjeta' jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha in kwantu l-ufficjal ezekutur kkonsenja l-att fl-ufficju registrat tas-socjeta'. Hu wkoll

stabbilit illi l-att thalla f'idejn it-tifel minn ta' Angelo Bartolo li ma kienitx persuna li kienet esluza milli tircievi n-notifika billi gie stabbilit illi kien f'dak iz-zmien ghalaq l-erbatax-il sena. Din il-Qorti pero' tasal ghall-konkluzjoni illi iben Angelo Bartolo la kien membru tal-familja jew tad-dar tal-persuna konvenuta, la kien fis-servizz ta' dik il-persuna u lanqas kien prokuratur taghha. Lanqas ma seta' jinghad li kien persuna awtorizzata minn dik l-istess persuna konvenuta (is-socjeta') biex tircievi l-posta taghha. Dan inevitabbilment iwassal ghall-konkluzjoni illi n-notifika ma kienitx wahda regolari ghar-raguni li ma gewx sodisfatti r-rekwiziti fl-ewwel paragrafu tas-sub-inciz 1 tal-artikolu 187. L-irregolarita' allura ma tolqotx ir-ragunijiet imsemmija fil-proviso tal-istess sub-inciz 1 fir-rigward tal-kapacita' ta' min ikun ircieva n-notifka tal-att. Hawn si tratta mhux ta' inkapacita' imma ta' nuqqas ta' idonejeta tal-persuna li lilha tigi kkonsenjata l-kopja tal-iskrittura li tircievi dak l-att. Konsegwentement lanqas jista' jkun applikabbli dak li hemm provdut fil-proviso tas-sub-inciz 1 tal-artikolu 187 u cioe' illi "in-notifikat ma tistax tigi attakkata bhala irregolari ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet (ragunijiet imsemmija fil-proviso) jekk jinstab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata." Din is-salvagwardja, li kienet altrimenti timporta ezami dettaljat tac-cirkostanzi fattwali biex jigi stabbilit jekk, bhala fatt, kienx jirrizulta illi s-socjeta' notifikanda kienet materjalment irceviet il-kopja tal-iskrittura, ma kienitx allura applikabbli ghall-kaz taht ezami u l-Qorti setghet u kellha tiddispensa minn tali indagini.

Jirrizulta ghalhekk li l-aggravju tal-appellant nomine kif bazat fuq in-nuqqas ta' notifika ta' kopja tal-att tac-citazzjoni lis-socjeta' konvenuta hu fondat u ghandu jigi milqugh. Jinghad biss illi, f'materja ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja, filwaqt li l-Qorti kellha tosserva b'rigur id-dispozizzjoni tal-ligi proprju biex tikkawtela kontra dik il-kontumelja illi tkun tirrazenta disprezz lejn l-awtorita' taghha, kien doveruz illi fl-interpretazzjoni ta' tali disposizzjoni li kienet irrimedjabbilment tippregudika d-dritt tal-konvenut li jiddefendi ruhu, l-Qorti, f'kaz ta' dubju, tiffavorixxi l-jedd ta' smiegh xieraq billi tispurga l-kontumacja apparenti. Hekk jidhrilha li hu gust u xieraq li taghmel fil-kaz taht ezami. Anke meqjusa l-konsiderazzjonijiet appropjati u legittimi li l-ewwel Qorti immotivat bihom is-sentenza appellata. Dan stabbilit ma jidhirx li hu l-kaz li din il-Qorti ghandha tinoltra ruhha fil-konsiderazzjoni tal-aggravji ohra sottomessi mill-appellant nomine.

Ghal dawn il-motivi u limitatament ghal dan l-aggravju l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement il-Qorti qeghda ghal dawn ir-ragunijiet tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-allura Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Ottubru 1993, fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Zammit vs Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited (Citaz. Nru. 484/93/GMA) u dan a tenur tal-artikolu 811 sub-inciz (b) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Konsegwentement tordna s-smiegh mill-gdid tal-

kawza wara li l-istess socjeta' libellanti tigi debitament notifikata skond il-ligi bl-att tac-citazzjoni promotur tal-gudizzju. L-atti qed jigu rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex il-kawza tkompli tinstema' fid-dawl ta' dan il-gudikat. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom jigu sopportati mill-konvenut appellat libellat.

Dep/Reg

mg